IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2013
COM(2013) 867 final

2013/0418 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) daħlet fis-seħħ fl-1975 u issa għandha 178 Partijiet (inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE). L-għan tagħha huwa li tiżgura li l-kummerċ internazzjonali ta' kampjuni ta' annimali u pjanti selvaġġi ma jheddidx is-sopravivenza tagħhom. Hi tkopri 35,000 speċi li huma mniżżla fi tliet Appendiċijiet, skont il-grad ta' protezzjoni li jeħtieġu. Kull importazzjoni, esportazzjoni, riesportazzjoni u introduzzjoni mill-baħar ta' speċijiet koperti mill-Konvenzjoni għandha tkun awtorizzata permezz ta' sistema ta' liċenzjar.

It-test inizjali tal-Konvenzjoni ppreveda li s-sħubija fis-CITES se tkun limitata għal Stati biss. Fit-tieni laqgħa straordinarja tal-konferenza tal-Partijiet tas-CITES f'Gaborone, Botswana, fit-30 ta' April 1983, sar qbil fuq emenda għall-Konvenzjoni. Hija tikkonsisti minn żieda ta' ħames paragrafi (bin-numri 2 sa 6 hawn taħt) mal-Artikolu XXI kif ġej:

1. *Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa indefinittivament għal adeżjoni. L-istrumenti tal-adeżjoni għandhom ikunu ddepożitati mal-Gvern Depożitarju.*
2. *Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-adeżjoni minn organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali kkostitwiti minn Stati sovrani li għandhom kompetenza fir-rigward tan-negozjar, il-konklużjoni u l-applikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali fil-kwistjonijiet trasferiti lilhom mill-Istati Membri tagħhom u koperti minn din il-Konvenzjoni.*
3. *Fl-istrumenti tagħha ta' adeżjoni, tali organizzazzjoni għandha tiddikjara sa fejn u sakemm twassal il-kompetenza tagħha fir-rigward tal-kwistjonijet irregolati mill-Konvenzjoni. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jgħarrfu wkoll lill-Gvern Depożitarju dwar kull modifika sostanzjali rigward safejn u sakemm twassal il-kompetenza tagħhom. In-notifiki minn organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika li jikkonċernaw il-kompetenza tagħhom rigward kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni u l-modifiki li jsirulhom għandhom jiġu distribwiti lill-Partijiet mill-Gvern Depożitarju.*
4. *Fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħhom, dawn l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali għandhom jeżerċitaw id-drittijiet u jissodisfaw l-obbligi li din il-Konvenzjoni tattribwixxi lill-Istati Membri tagħhom, li huma Partijiet fil-Konvenzjoni. F'tali każijiet, l-Istati Membri tal-organizzazzjonijiet m'għandhomx ikunu ntitolati li jeżerċitaw tali drittijiet individwalment.*
5. *Fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom, l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali għandhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvotaw b'għadd ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħhom li huma Partijiet għal din il-Konvenzjoni. Dawn l-organizzazzjonijiet m'għandhomx jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw jekk l-Istati Membri tagħhom jeżerċitawx tagħhom, u viċe versa.*
6. *Kwalunkwe referenza għal "Parti" fis-sens użat fl-Artikolu 1(h) ta' din il-Konvenzjoni, għal "Stat"/"Stati " jew għal "Parti tal-Istat"/"Partijiet tal-Istat" għall-Konvenzjoni għandha titqies li tinkludi referenza għal kull organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali li għandha l-kompetenza fir-rigward tan-negozjar, il-konklużjoni u l-applikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali fi kwistjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni.*

Din l-emenda ("l-emenda ta' Gaborone") daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2013, wara r-ratifika tagħha minn żewġ terzi mit-80 pajjiż li kienu Partijiet fiż-żmien l-adozzjoni tal-

emenda. L-Unjoni Ewropea sal-lum kienet osservatur għas-CITES u d-dħul fis-seħħ tal-emenda ta' Gaborone issa jippermetti lill-Unjoni Ewropea ssir Parti għas-CITES.

Il-kwistjonijiet koperti mis-CITES jirrelataw maż-żoni (protezzjoni tal-ambjent, il-kummerċ, is-suq intern, id-dwana) li huma soġġetti għal-liġi tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet tas-CITES ġew implimentati b'mod armonizzat fil-livell tal-UE mill-1984 'l hawn u issa huma rregolati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 578/2013).

L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għas-CITES huwa pass loġiku u neċessarju biex ikun żgurat li l-Unjoni Ewropea tkun kompletament kapaċi ssegwi l-objettivi tagħha skont il-politika ambjentali tagħha.

Il-proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tapprova l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għas-CITES filwaqt li tappella lill-President tal-Kunsill biex jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, għad-depożitu tal-istrument ta' Adeżjoni kif previst fl-Artikolu XXI (1) tal-Konvenzjoni u tad-dikjarazzjoni tal-kompetenzi previsti fl-Artikolu XXI (3).

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux rilevanti.

3. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-konvenzjoni tas-CITES, bħal Ftehimiet Ambjentali Multilaterali Oħrajn (MEAs) amministrati mill-UNEP, hija ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet stmati mħallsa mill-partijiet kollha u li jkunu bbażati fuq l-Iskala ta' Valutazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti adottata kull tliet snin mill-Assemblea Ġenerali.

Huwa mistenni li għas-CITES bħall-MEAs globali oħra, il-Konferenza tal-Partijiet (CoP) se tiddeċiedi li, wara l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għas-CITES, l-UE għandha tħallas 2,5 % mill-ammont totali tal-Fond Fiduċjarju tas-CITES kull sena.

Għalkemm il-Konferenza tal-Partijiet (CoP) li jmiss mhux se titlaqqa' qabel l-2016 l-UE xorta se tkun mistennija li tagħmel kontribuzzjoni fl-2014 u l-2015 (madwar EUR 112 000, 2.5 % mill-ammont totali tal-Fond Fiduċjarju tas-CITES għall-2015), bi qbil mal-prattika li l-Partijiet għandhom jikkontribwixxu hekk kif jaderixxu.

2013/0418 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192 u 207, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) li għaliha 178 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha, huma parti, hija sors prinċipali ta' strument internazzjonali li għandu l-għan li jipproteġi speċi fil-periklu ta' fawna u flora salvaġġi permezz ta' kontrolli fuq il-kummerċ internazzjonali ta' kampjuni ta' dawk l-ispeċi.

(2) L-Emenda ta' Gaborone għas-CITES, adottata permezz ta' Konferenza speċjali tal-Partijiet f'Gaborone, Botswana, fl-1983, immodifikat l-Artikolu XXI tal-Konvenzjoni sabiex l-aċċess għall-Konvenzjoni, li qabel kien limitat għal Stati, infetaħ għall-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali kostitwiti minn Stati sovrani li għandhom kompetenza fir-rigward tan-negozjar, il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehim internazzjonali fil-kwistjonijet trasferiti lilhom mill-Istati Membri tagħhom u koperti minn din il-Konvenzjoni. L-Emenda ta' Gaborone għas-CITES daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2013.

(3) Il-kwistjonijiet koperti mis-CITES għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-ambjent u l-kummerċ. Dawn huma oqsma fejn l-Unjoni għandha kompetenza: fin-negozjar, il-konklużjoni u l-applikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Id-dispożizzjonijiet tas-CITES ġew implimentati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha mill-1 ta' Jannar 1984. Dawn issa huma rregolati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97[1] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006.[2]

(4) L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għas-CITES se tippermettilha li tassumi rwol sħiħ fil-ħidma tal-Konvenzjoni u se torbot legalment lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri kollha tagħha biex jimplimentaw u jdaħħlu fis-seħħ il-Konvenzjoni. Hija se toħloq responsabbiltajiet formali għall-Unjoni Ewropea sabiex trendi l-Unjoni Ewropea Parti responsabbli viżavì l-Partijiet l-oħra għall-implimentazzjoni tagħha tal-Konvenzjoni.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, (ĠU L 61, 3.3.1997, p.1).

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

(5) L-Unjoni Ewropea għandha għalhekk taderixxi għall-Konvenzjoni CITES,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna awtorizzata li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, bid-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni previst fl-Artikolu XXI (1) tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Konvenzjoni. Fl-istess ħin, il-persuna maħtura għandha tiddepożita d-dikjarazzjoni stipulata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, skont l-Artikolu XXI (3) tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi .[3]

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

---

[3] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għall-Unjoni Ewropea għandha tiġi ppublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu/i tal-ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċijiet Ipperikolati ta' Fawna u Flora Selvaġġi (CITES)

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB[4]

07 L-Ambjent

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

x Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida**

☐Il-proposta / inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni ta' tħejjija**[5]

☐Il-proposta / inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva:

Strateġija UE 2020 — Effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, tkabbir intelliġenti u inklużiv

1.4.2. L-objettiv(i) speċifiku/ċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

<u>Għan speċifiku Nru</u> 2.1 Affarijiet ambjentali globali <u>L-attività/attivitajiet ABM/ABB konċernata/i</u> (ABB Kodiċi: 0702)

4 ABM: activity-based management (amministrazzjoni ibbażata fuq l-attività – ABB: activity-based budgeting (baġitjar ibbażat fuq l-attività).

5 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Riżultat/i u impatt mistenni/ja

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Is-sħubija fis-CITES tipprovdi wkoll lill-Unjoni Ewropea b'bażi istituzzjonali aktar b'saħħitha biex tikkontribwixxi għal proġetti tas-CITES u biex tgħin lil Partijiet individwali fil-programmi tagħhom għall-bini tal-kapaċità. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea tkun tista' tikkontribwixxi għall-ispejjeż operattivi tal-Konvenzjoni permezz tal-baġit billi tħallas rata perċentwali mill-baġit ċentrali. L-Unjoni Ewropea, bħala Parti, tkun tista' tiżgura pożizzjoni koerenti tal-UE. L-adeżjoni tippermetti lill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni Ewropea biex tmexxi negozjati u li tkun katalist biex jintlaħaq kompromess bilanċjat bejn il-pożizzjonijiet tat-28 Stat Membru.

1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Il-livell tal-influwenza tal-UE fuq id-deċiżjonijiet meħuda minn ftehimiet u proċessi ambjentali u multilaterali, il-parteċipazzjoni f'laqgħat regolari tas-CITES (Konferenza tal-Partijiet, Kumitat Permanenti, Kumitati tal-Annimali u l-Pjanti) u l-implimentazzjoni sussegwenti tad-deċiżjonijiet tas-CITES fil-liġi tal-UE

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew twil

Ladarba d-Deċiżjoni tkun adottata mill-Kunsill, il-persuna li tingħata s-setgħa mingħand il-President tal-Kunsill għandha tiddepożita l-istrument tal-adeżjoni lill-gvern depożitarju tal-Konvenzjoni CITES.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-adeżjoni tal-UE mas-CITES se tippermetti lill-UE żżid l-istatus tagħha ta' ftehim ambjentali multilaterali b'rilevanza diretta mal-acquis fil-qasam tal-ambjent.

1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

L-istatus imtejjeb tal-UE f'konvenzjonijiet internazzjonali isaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE u l-influwenza tagħha fl-oqsma koperti.

1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Id-dispożizzjonijiet tas-CITES huma diġà implimentati fil-liġi tal-UE (cf. ir-Regolament tal-Kunsill 338/97 u r-Regolamenti Implimentattivi tal-Kummissjoni assoċjati). L-adeżjoni tal-UE għas-CITES, se saħħaħ is-sinerġiji mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju:

☐Proposta / inizjattiva ta' **tul limitat**

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

X Il-proposta/inizjattiva b'tul ta' **żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b’perjodu tat-tnedija mill-SSSS sal-SSSS,

– u warajh tħaddim fl-iskala kollha

1.7. Il-mod(i) ta’ ġestjoni ppjanata(i)[6]

<u>Għall-baġit 2013 — mhux applikabbli</u>

☐**Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni.

☐**Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[7]

– ☐ korp/i nazzjonali tas-settur pubbliku b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐**Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐**Ġestjoni deċentralizzata** ma’ pajjiżi terzi

☐**Ġestjoni konġunta** ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali (**li jridu jiġu speċifikati**)

– *Jekk ikunu indikati aktar minn mod wieħed ta’ ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fis-sezzjoni "Kummenti"*

<u>Mill-baġit tal-2014</u>

x **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– x mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi;

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** permezz tad-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

---

6 Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

7 Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ il-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fis-CFSP skont it-Titolu V tat-Trattat tal-UE u identifikati fl-att bażiku relevanti.

– *Jekk ikunu indikati aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fis-sezzjoni "Kummenti"*

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar:

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet

Il-baġits ta' konvenzjonijiet internazzjonali huma mmonitorjati permezz tal-konferenza tal-partijiet tagħhom, minbarra li jsegwu r-regoli tan-Nazzjonijet Uniti li ġejjin għall-ġestjoni tagħhom (sakemm il-UNEP ikun fiduċarju għal Fond Fiduċjarju tas-CITES).

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll:

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Il-baġit tas-CITES huwa vverifikat f'intervalli regolari bħala parti mill-iskema tan-Nazzjonijet Uniti.

2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta' kontroll interna stabbilita:

Ara 2.2.1 hawn fuq

2.2.3. Stima tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żbalji

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet:

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Ara 2.2.1 hawn fuq

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata:

- L-intestaturi baġitjarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitjarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru 07(02) Intestatura "Politika Ambjentali fil-Livell tal-Unjoni u Internazzjonali"	Diff./mhux diff. (8)	minn pajjiżi tal-EFTA[9]	minn pajjiżi kandidati[10]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
4	**07 02 04 — Kontribuzzjoni għall-ftehimiet ambjentali multilaterali**	Diff	LE	LE	LE	LE

- Il-linji baġitarji ġodda mitluba (M/A) - mhux applikabbli

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitjarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru […][Intestatura…….….]	Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[…][XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

8 Diff.= Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet Mhux differenzjati.
9 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
10 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

[Din il-parti għandha timtela bl-użu **<u>tal-ispreadsheet dwar id-dejta ta' baġit ta' natura amministrattiva</u>**(it-tieni dokument anness ma' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u għandha tittella' fis-CISNET għal raġunijiet ta' konsultazzjoni bejn s-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	4	Ewropa Globali

DĠ: ENV			Sena **N**[11]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL:**
•Approprjazzjonijiet operazzjonali			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Tul bla limitu.
07 02 04	Impenji	(1)	112 000	112 000	112 000	115 000	115 000	117 000	117 000	**800 000**
	Ħlasijiet	(2)	112 000	112 000	112 000	115 000	115 000	117 000	117 000	**800 000**
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)								
	Ħlasijiet	(2a)								
Approprjazzjonjiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[12] - mhux applikabbli										
Numru tal-linja baġitarja		(3)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ ENV	Impenji	= 1 +1A +3	112 000	112 000	112 000	115 000	115 000	117 000	117 000	**800 000**
	Ħlasijiet	= 2+2a	112 000	112 000	112 000	115 000	115 000	117 000	117 000	**800 000**

---

11 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

12 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

		+3								

•TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Ħlasijiet	(5)								
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTAURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	= 4 + 6	112 000	112 000	112 000	115 000	115 000	117 000	117 000	**800 000**
	Ħlasijiet	=5+ 6	112 000	112 000	112 000	115 000	115 000	117 000	117 000	**800 000**

<u>Jekk hija affettwata aktar minn intestatura waħda mill-proposta / inizjattiva:</u>

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Ħlasijiet	(5)								
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI MILL-1 sal-4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Ħlasijiet	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva" – mhux applikabbli

EUR

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL:**
DĠ: ENV									
• Riżorsi umani									
• Nefqiet amministrattivi oħrajn:									
TOTAL DĠ <….>	Approprjazzjonijiet								

TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet)								

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena **N**[13]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL:**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI MILL-1 sal-5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								
	Ħlasijiet								

13 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi
- X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzonijiet ta’ impenn f’EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL:**	
	RIŻULTATI																	
	Tip[14]	Spiża medja	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru totali	Spiża totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 Affarijiet ambjentali globali...[15] ...																		
— Riżultat	Rapport ta' Konferenza;	112 000	1	112 000	1	112 000	1	112 000	1	115 000	1	115 000	1	117 000	1	117 000		800 000
— Riżultat																		
— Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		

14 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

15 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/ċi..."

SPEJJEŻ TOTALI		112 000		112 000		112 000		115 000		115 000		117 000		117 000		800 000

3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– x Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva jeħtiġilha tuża approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena **N[16]**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL:**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal għall-INTESTURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Barra mill-INTESTATURA 5[17] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
TOTAL								

L-approprjazzjonijiet tar-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati lill-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji

16 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

17 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

– X Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għal full-time

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1. 6)
•Postijiet tat-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)						
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni)						
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)						
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
•Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għal Full-Time: FTE)[18]						
XX 01 02 01 (CA, SNE, INT mill-“pakkett globali”)						
XX 01 02 02 (CA, LA, SNE, INT u JED fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 04 ss[19]	-fil-Kwartieri Ġenerali					
	— Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (CA, SNE, INT - Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka Diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
TOTAL						

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

18 CA= (Contract Staff - Persunal bil-Kuntratt); LA = (Local Staff - Persunal Lokali); SNE= (Seconded National Expert - Espert Nazzjonali SSekondat); INT = (agency staff - persunal mill-aġenziji); JED= (Junior Experts in Delegations - Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet).

19 Sublimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (l-eks linji "BA").

3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– x Proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali,

Spjega liema ripprogrammar huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti. […]

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrumenti tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[20].

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti. […]

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għall-kofinanzjament minn partijiet terzi.

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament	MA							
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati								

[20] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali (għall-perjodu 2007-2013).

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– x Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[21]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ….								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/linji tan-nefqa tal-baġit affettwat(i).

[…]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

21 Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti taz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.